**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**

**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Oriana Spiteri)**

**vs**

**Shamison Stafrace**

**Illum 12 ta' Ottubru 2022**

**Kumpilazzjoni numru: 428/2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Shamison Stafrace,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 212197(M), billi huwa akkuzat talli:

1. Fis-16 t'April 2019 ghall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija, flimkien ma' persuni ohra, ikkommetta serqa minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem ta' The Convenience Shop li jinsab fi Triq Ghajn Dwieli, Paola, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-ħin u

dan għad-dannu ta' Renato Vidal u/jew persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra. Artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262(b), 263(b), 267, 270, 275, 276, 277(b), 280(2), tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Keoney Demicoli u persuni oħra kontra l-volonta' tagħhom skont l-Artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa permezz ta' strument li jaqta' u bil-ponta fuq il-persuna ta' Lara Chetcuti skont kif iċċertifika Dr. Josie Muscat. Artikoli 221(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi, ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija. Artikoli 51(7), 55(a) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, kiser il-provvedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu, b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. N. Camilleri LL.D, datata 7 ta' Marzu 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

6. Fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu riċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija, tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 284*) datata 7 ta' April 2021 li permezz tagħha bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

- Fl-Artikoli 261(a)(b)(c)(f); 262(1)(a)(b)(2); 263(b); 267; 270; 274(c); 275; 277(b); 279 u 280(2); tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 86; 87(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 221(1); 221(2) u 214 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49; 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- Fl-Artikoli 7; 15A; 17; 31; 382A; 383; 384; 385; 386; 412C; 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi waqt l-udjenza tas-27 ta' Mejju 2021 (*a fol. 292)* ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fis-7 ta' April 2021.

Semgħet lill-imputat jiddikjara f'dik l-istess seduta li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi, waqt is-seduta tal-15 ta' April 2021 il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-każ u b'hekk għalqet il-provi tagħha.

Semgħet il-provi prodotti mid-difiża.

Rat illi, waqt is-seduta tal-24 ta' Novembru 2021, il-Qorti kkonċediet żmien lill-partijiet sabiex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub dwar dan il-każ.

Rat illi l-Prosekuzzjoni ppreżentat is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub fl-14 ta' Diċembru 2021;

Rat illi fl-10 ta' Jannar 2022 id-difiża ppreżentat is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti.

Rat il-verbali fejn din il-kawża kienet differita illum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**XHIEDA**

F'dan il-process xehdu sebgħa u għoxrin (27) xhud kif ġej:

Duncan Veneziani (*a fol* 17 et. seq.); Spettur Fabian Fleri (*a fol* 47 et. seq.); Keoney Demicoli (*a fol* 62 et. seq.); Lara Chetcuti (*a fol* 65 et. seq.); Dr. Marisa Mifsud (*a fol* 80 et. seq.); Dr. Josie Muscat (*a fol* 95 et. seq.); Renato Vidal (*a fol* 96 et. seq.); Nicole Vella (*a fol* 99 et. seq.); WPS 210 Tania Mangion (*a fol* 103 et. seq.); PC 215 Clint Zahra (*a fol* 109 et. seq.); Spettur Fabian Fleri (*a fol* 112 et. seq.); PC 1404 Dale Cassar (*a fol* 153 et. seq.); Dr. Marisa Cassar (*a fol* 167 et. seq.); RPC 3056 Saviour Zerafa (*a fol* 173 et. seq.); Spettur Oriana Spiteri (*a fol* 176 et. seq.); Dr. Mark Grech (*a fol* 193 et. seq.); PS 586 Mario Azzopardi u PC 976 Thomas Zammit (*a fol* 194 et. seq.); Gilbert Mercieca (*a fol* 227 et. seq.); Spettur Lydon Zammit (*a fol* 228 et. seq.); Gilbert Mercieca (*a fol* 235 et. seq.); Vanessa Camilleri (*a fol* 242 et. seq.); Jonathan Mizzi (*a fol* 248 et. seq.); PC 213 Gary Magri (*a fol* 288 et. seq.); Renato Vidal (*a fol* 290 et. seq.); Probation Officer Matthew Fleri Soler (*a fol* 304 et. seq.); Paula Cassar (*a fol* 329 et. seq.); Senior Inspector Helenio Galea (*a fol* 333 et. seq.).

**RIJASSUNT TAX-XHIEDA**

**Duncan Veneziani** (Fol.17) xehed fil-kors tal-preżentata tal-imputat. Huwa beda biex qal li jaf lill-imputat Shamison Stafrace mill-professjoni tiegħu fejn jaħdem mal-Aġenzija Sedqa ma' persuni li jkollhom il-problema tad-droga. Huwa kien ilu jsegwih minn Jannar tal-elfejn u tmintax (2018) fejn dejjem prova biex miegħu jasal għal rijabilitazzjoni kompluta. Ix-xhud spjega li kienet saret talba biex Shamison jibda programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga mal-Aġenzija Sedqa. Hu kien qed jinsisti li din it-talba tiġi processata malajr biex l-imputat jkun jista' jibda tali programm.

Ix-xhud ippropona li jekk l-imputat jinħeles mill-arrest, dan xorta għandu jibqa' jmur darba fil-ġimgħa għand l-Aġenzija Sedqa u jħalli kampjun tal-awrina taħt superviżjoni biex jibqgħu iżommu l-kuntatt. L-imputat kien konsistenti billi jattendi darba fil-ġimgħa u jħalli kampjuni tal-awrina. Ix-xhud spjega li jekk jibqa' taħt arrest kien se jkun hemm problema biex l-imputat jibda tali programm. Jekk minn arrest issir sentenza ta' priġunerija f'dak il-każ il-proċess se jdum aktar għax biex persuna tkun tista' tidħol programm mill-ħabs trid tkun għamlet minn tal-inqas sitt (6) xhur ta' pruġinerija. Ix-xhud kompla jispjega li wara trid issir talba għall-bord tal-ħabs biex jinżel programm u jerġa' jkompli bil-proċess. Ix-xhud qal li l-imputat jidher li għandu bżonn rijabilitazzjoni imminenti. Ix-xhud spjega li l-imputat ser jkun jagħmel programm residenzjali fejn dan ikun qed jgħix fil-post ta' rijabilitazzjoni għall-perjodu kollu ta' kemm idum għaddej il-programm. Il-programm hu mqassam fi tlett fażijiet: l-ewwel fażi hija ta' tmien (8) ġimgħat, it-tieni u t-tielet fażi huma ta sitt (6) xhur u

sitt (6) xhur rispettivi. Id-data li tingħata mill-bord tkun waħda speċifika ta' meta għandu jmur hemm u jibda l-programm. Jekk l-imputat ikun mogħti data u jfalli milli jmur, tingħata data oħra, inkella jittieħdu passi u dik il-persuna titlef postha, u jingħata lill-ħaddieħor. L-imputat jista' jaqbad u jitlaq jekk jiddeċiedi li ma jridx ikompli peress illi s-servizz huwa wieħed volontarju.

Ix-xhud spjega li l-volonta trid tħares lejha minn perspettivi differenti. Huwa veru li minn kif kien qed jaġixxi kien qed jimplika li ma jridx jinbidel, pero meta persuna jkollha problema ta' vizzju, din ma tkunx konxja ta' x'qed tagħmel, u l-volonta' li tinbidel ma tkunx hemm. L-imputat kien wera x-xewqa li jrid jinbidel, pero kien hemm il-problema tal-vizzju. Ix-xhud qal li kellu kuntatt ma' oħt l-imputat u din ssegwih u xi drabi kienet anke marret miegħu l-Aġenzija. Ix-xhud ikkjarifika li l-għażla li jagħmel il-programm hija tal-imputat u mhux għax qed jisfurzawh tal-familja. L-Aġenzija tagħmel assessjar fuq dan il-punt. Jekk persuna tkun sfurzata minn tal-familja u ma jkollix volonta biex tibda l-programm ta' rijabilitazzjoni, il-programm ikun inutli. Ix-xhud qal li konxju li l-imputat qiegħed fuq bail ieħor rigward każ ta' serq f'San Ġiljan.

**Spettur Fabian Fleri** (Fol. 47) xehed li fis-sittax (16) ta' April elfejn u dsatax (2019) għal ħabta tad-disgħa neqsin għaxra ta' filgħaxija (20:50) daħlet telefonata fl-għassa tal-pulizija ta' Bormla rigward serqa armata li kienet seħħet ġewwa l-Convenience Shop li jinsab Triq Għajn Dwieli, in-niżla ta' Għajn Dwieli, Raħal Ġdid. Fuq il-post marru l-pulizija tal-RIU flimkien mal-pulizija tad-distrett u hemmhekk sabu lill-kaxxiera Keoney Demicoli, detentriċi tal-karta tal-identità nru 386797M. Din infurmat lill-

Pulizija li kienu daħlu żewġ persuni lebsin hoodies u xi ingwanti jew xi ħaġa f'idejhom. Dak il-ħin apparti l-kaxxiera Keoney Demicoli, kien hemm Nicole Vella, detentirċi tal-karta tal-identità nru 151899M li hija impjegata fil-ħanut, Lara Chetcuti, detentriċi tal-karta tal-identità nru 463580M li kienet qed tinqeda mal-bank u Tahsin Sardar Keslar tan-nazzjonalità barranija.

Ix-xhud qal li wieħed mill-ħallelin mar fuq il-kaxxiera, ħareġ mus u talabha l-flus. Il-kaxxiera pruvat tirreżistih u kien hemm ġlieda sħiħa fil-ħanut, fejn ħin minnhom irnexxielha anke tiġbidlu naqra l-hoodie u nkixef ftit wiċċu. Hi ndunat li kellu xi tattoos fuq il-parti t'għonqu. Waqt li kienet qed tirreżistih hu beda jxejjer il-mus u laqat lil persuna li kien hemm tinqeda f'idejha. Il-persuna midruba ppreżentat ċertifikat min-naħa ta' Dr Muscat tal-Isptar St James. Waqt il-ġlieda, il-persuna l-oħra li kien qed jassisti fis-serqa, waddab waħda mill-istands fid-direzzjoni tagħha u malli nqalgħet, l-aggressur tagħha ħa t-tray tal-cash register u telqu 'l barra.  Ix-xhud qal li l-Ispettur Oriana Spiteri tad-distrett marret fuq il-post u infurmat lill-Maġistrat tal-għassa Monica Vella fejn din għażlet li ma tagħmilx inkjesta maġisterjali, għalhekk ix-xogħol kollu nħadem bħala 'police work'.  Ix-xhud ma jafx għala l-Maġistrat għażlet li ma tagħmilx inkjesta maġisterjali.  Wara li marru l-pulizija ġie kkuntatjat sid il-post is-Sur Renato Vidal, detentur tal-karta tal-identità nru 303179M li wara li ċċekkja kollox sab li b'kollox nsterqu tlett mija u tletin ewro (€ 330).

Ix-xhud qal li x'ħin marru l-pulizija tal-forensika PC 976 Thomas Zammit u PS 586 Mario Azzopardi mill-filmati tas-CCTV rriżulta li wara li ħarġu l-ħallelin telqu jiġru lejn in-naħa t'isfel lejn il-mina ta' Għajn Dwieli. Mill-filmati deher li l-persuna li kien qed iġorr il-mus malli qabad n-niżla daħal fi trejqa li tagħti għall-għelieqi. L-ieħor daħal fit-triq li tagħti għall-gate ta' Palumbo Shipyards. Eżatt qabel it-trejqa nstab hoodie ta' kulur blu biż-żipp abjad u dan ġie identifikat bħala l-istess hoodie li kien liebes il-persuna li kien qed iġorr il-mus mill-filmati kif ukoll mill-kaxxiera. Infatti dan il-hoodie ġie elevat mill-pulizija tal-foresika u mgħoddi lil Dr Marisa Cassar biex tieħu l-kampjuni tad-DNA minn fuqu biex ikun jista' jiġi mqabbel mas-suspettat. Ix-xhud qal li l-pulizija daru l-akkwati kollha u mill-filmati tas-CCTV irriżulta li dawn il-persuni kien wassalhom persuna oħra fuq il-post tas-serqa permezz ta' karozza tal għamla Fiat Punto ta' kulur blu. Din l-istess karozza nqabdet minn żewġ kameras: dik ta' quddiem l-area ta' parkeġġ ta' Palumbo Shipyards, kif ukoll tal-pompa tal-petrol ftit 'l fuq mill-convenience shop. Fil-filmati ġie jidher in-numru tar-reġistrazzjoni li huwa KBJ 176.

Il-persuna li kienet qed issuq il-vettura u li wassal liż-żewġ persuni l-oħra biex jagħmlu s-serqa deher ħiereġ, ġewwa l-pompa tal-petrol taparsi qed jagħti l-petrol lil din il-vettura. Il-pulizija għarfu mill-ewwel li dan l-individwu kien ċertu Simon Camilleri, detentur tal-karta tal-identità 453166M. Il-Fiat Punto hi rreġistrata fuq ċerta Jolene Camilleri, detentriċi tal-karta tal-identità nru 543786M. Ix-xhud qal li sussegwentement, l-istess Simon Camilleri rriżulta li għamel reat ieħor f'Tas-Sliema u fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju elfejn u dsatax (2019) dan ġie arrestat mill-pulizija. Ix-xhud qal li malli l-pulizija urewh il-filmati tas-serqa fejn jidher

ħiereġ mill-karozza ikkonferma li hu kien u ikkonferma ukoll il-karozza, liema karozza ġiet sekwestrata. Camilleri qal ukoll li dakinhar huwa kien wassal fuq il-post lil Shamison Stafrace, u ieħor li ma setax jiftakar x'jismu, biex iwettqu s-serqa. Ix-xhud għaraf lil Shamison Stafrace fl-awla. Camilleri qal li l-persuna li ma jistax jiftakar x'jisimha sikwit ikun fil-pjazza ta' Bormla jitlajja hemmhekk. Camilleri offra ukoll li jakkumpanja lill-pulizija sal-pjazza ta' Borma biex jidentifika lill-persuna. Infatti hekk ġara u fil-pjazza ta' Bormla sabu lil ċertu Jeffrey Sultana, detentur tal-karta tal-identità nru 550376. Ix-xhud qal li Camilleri baqa' jinsisti li kienu Stafrace u Sultana li wettqu s-serqa u l-għada kienu tkellmu quddiemu dwarha.

Apparti Sultana, ġie arrestat ukoll Stafrace fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju elfejn u dsatax (2019) permezz ta' mandat t'arrest li ġie mitlub mill-Maġistrat Rachel Montebello li kienet il-Maġistrat tal-għassa dakinhar. Stafrace mill-ewwel ġie infurmat bid-drittijiet tiegħu u infatti kien kellem lil Dr Amadeus Cachia permezz tat-telefown. Stafrace ġie nfurmat b'dak li qalilhom Camilleri u ġie mitlub biex jitteħidlu kampjun tad-DNA. Dan ittieħed ġewwa l-uffiċċju tal-Ispettur Lydon Zammit minn Dr Marisa Cassar. Peress illi din kienet infurmathom li r-riżultat ma kienx se jkun lest malajr iżda ftit ġranet wara, Stafrace ġie rilaxxat bil-police bail għal ħmistax (15) ta' Lulju elfejn u dsatax (2019) sabiex ikun hemm biżżejjed żmien biex il-Pulizija jkollha r-riżulatat f'idejha. Infatti, ix-xhud ġie nfurmat ftit ġranet wara minn Dr Marisa Cassar li l-kampjun tad-DNA ta' Stafrace kien qabel mal-kampjun tad-DNA li kienet elevat hi mill-hoodie li nstab dakinhar tas-serqa tal-ħanut tal-convenience. Fil-ħmistax (15) ta' Lulju elfejn u dsatax (2019), meta Stafrace mar bil-police bail, hu ġie

nfurmat b'kollox u reġa' ingħata d-drittijiet tiegħu. Hu reġa kkonsulta mal-avukat u wara ġie mressaq il-Qorti quddiem il-Maġistrat tal-għassa Dr Gabriella Vella fil-ħmistax (15) ta' Lulju stess.

Fis-seduta tal-għaxra (10) ta' Ottubru 2019, l-Ispettur Fleri ippreżenta sentenza tal-Maġistrat Neville Camilleri kontra l-imputat u persuna oħra, fejn fiha kien hemm il-konnatati kollha tal-imputat Shamison Stafrace. Id-data tas-sentenza hija sebgħa (7) ta' Marzu elfejn u tmintax (2018). Ix-xhud ippreżenta sentenza oħra mogħtija mill-Maġistrat Doreen Clarke fl-għoxrin (20) ta' Lulju elfejn u sittax (2016) fl-ismijiet ta' 'Il-Pulizija (Spettur Silvio Magro) versus Shamision Stafrace' u fiha hemm ukoll il-konnotati kollha tal-imputat Shamision Stafrace.

**<u>Keoney Demicoli</u>** (Fol. 62) xehdet li fis-sittax (16) t'April tas-sena elfejn u dsatax (2019) hija kienet qed taħdem part-time fil-ħanut tal-Convenience ta' Għajn Dwieli. Għall-ħabta tat-tmienja u nofs (20:30) ta' filgħaxija waqt li kienet qed taqdi klijenta, daħal raġel b'wiċċu mgħotti, hoodie blu u b'mus f'idejh tal-lemin. Hu mar dritt fuqha u qalilha "tini l-flus, tini l-flus". Hu daħħal idejh fil-kexxun tal-flus u x-xhud bdiet tirreżistih biex ma jieħu xejn. X'ħin bdiet tillatika miegħu ndunat li kellu mus. Hi bdiet taqbdu mill-hoodie u nnutat tattoo fuq in-naħa tal-lemin t'għonqu. Hu ħa l-kexxun tal-flus waqt li x-xhud baqgħet tipprova tirreżistih. Waqt dan kollu, kien hemm individwu ieħor li kien mal-aggressur u qagħad fil-bieb iżda xħin ra li qed idum dan qabad bank tal-croissants, garah u telqu hemmhekk. Waqt dan kollu ix-xhud qalet li kien hemm ukoll persuna barranija, oħra taħdem ix-shipyard u impjegata oħra jisimha Nicole. Ix-xhud kellha klijenta quddiemha li kienet qed taqdiha u l-persuna li x-

xhud kienet qed tissara miegħu laqat lill-klijenta bil-mus. Wara li ż-żewġ persuni li wettqu s-serqa ħarġu mill-ħanut, dawn niżlu ‘l isfel in-naħa tax-shipyard. Ix-xhud qalet li l-pulizija urewha hoodie blu li kien liebes dak li kellu l-mus u x-xhud ikkonfermat li dan kien il-hoodie li kien liebes il-malvivent.

**In kontro-ezami** x-xhud għarfet l-hoodie għax kellu żipp abjad. Dan il-hoodie kien kbir għax il-persuna għattiet wiċċha u xħin ix-xhud bdiet tissara miegħu beda jidhirlu wiċċu. Ix-xhud qalet li wiċċhom ma ratux u kull ma rat kienet it-tattoo.

**Lara Chetcuti** (Fol.65) xehdet li kienet involuta f'inċident ta' serqa fis-sittax (16) ta' April x'ħin hi kienet qed tixtri mill-ħanut tal-Convenience fit-triq ta' Bormla, Raħal Ġdid. Kif ix-xhud ġiet biex tħallas, daħlet persuna b'ċerta salvaġija għax laqtitha minn wara. Din il-persuna talbet lill-impjegata biex tagħtiha l-flus u x'ħin indunat x'kien qed jiġri din ħarġet tiġri ‘l barra. Ix-xhud pero irrealiżżat li nsiet iċ-ċwievet tal-karozza fuq il-bank fil-ħanut. Għalhekk din reġgħet daħlet u l-impjegati tal-ħanut bdew jgħajtu għax ix-xhud kellha d-demm. Ix-xhud qalet li kienet għadha ma ndunatx li kienet intlaqtet. Ix-xhud qalet li marret tiddewwa l-isptar Saint James. Ix-xhud qalet li hi qatt ma rat wiċċ l-aggressur, iżda tiftakar li kien liebes hoodie skur.

**In kontro-ezami** x-xhud qalet li l-ferita għalqitilha għal kollox.

**<u>Dr Marisa Mifsud</u>** (Fol. 80) xehdet li fit-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) ġiet inkarigata minn din il-Qorti biex tagħmel traskrizzjoni tal-inerrogazzjoni ta' Shamison Stafrace u irritornat d-DVD lura lill-Qorti. Hija ssottomettiet kopja tat-traskrizzjoni u għaddiet oħra lill-partijiet.

**<u>Dr Josie Muscat</u>** (Fol.95) xehed li li l-ferita li soffriet Lara Chetcuti ma kinitx waħda ta' natura serja u fieqet tajjeb. Il-ferita saret minn xi ħaġa taqta' u fir-rapport ix-xhud kiteb li allegatament kien mus għax hekk qaltlu l-vittma.

**<u>Renato Vidal</u>** (Fol. 96) xehed li huwa l-propjetarju tal-ħanut 'The Convenience Store' ta' Triq Għajn Dwieli, Għajn Dwieli. Ix-xhud qal li kien għamel rapport lill-pulizija għax daħlu xi nies armati fuq l-impjegati. Hu sar jaf b'dan permezz ta' telefonata peress li ma kienx preżenti dak il-ħin u mar fuq il-post. Ix-xhud jiftakar li dan seħħ xi darba qabel is-sajf tal-elfejn u dsatax (2019) wara t-tmienja ta' filgħaxija (20:00) pero ma jiftakarx id-data. Ix-xhud lanqas jiftkar min kienu l-impjegati xogħol dakinhar, pero waħda minnhom kienet Keoney Demicoli. Ix-xhud qal li kien ittieħed il-kexxun tal-cash bil-flus li kien hemm fih pero ma jiftakarx l-ammont. Hu qal li kienu kissru xi ħaġa tal-kompjuter għax ġibduh naqra 'l isfel u saret wkoll ħsara x'ħin intefgħet display tal-pasti. Ix-xhud temm jgħid li huwa ta l-filmat mill-cameras tas-sigurta li kien hemm fil-ħanut lill-pulizija.

Fis-seduta tal-ħmistax (15) tal-April 2021, Renato Vidal xehed li l-ammont ta' flus li insteraq mill-ħanut kien ilaħħaq ic-cifra ta' tlett mitt ewro (€ 300).

**<u>Nicole Vella</u>** (Fol. 99) xehdet li kienet taħdem ġo ħanut jismu 'The Convenience Shop' ta' Għajn Dwieli. Ix-xhud qalet li kien hemm serqa xi darba f'April tal-elfejn u dsatax (2019) wara t-tmienja ta' filgħaxija (20:00), pero ma tiftakarx il-ġurnata. Ix-xhud qalet li dak il-ħin kienet qed taħsel il-containers tal-ikel tagħha u tal-kollega tagħha u f'ħin minnhom semgħet lil xi ħadd jitlob il-flus lill-kaxxiera Keoney. Ix-xhud qalet li kien hemm żewġ persuni lebsin ġakketta sewda bil-hood milbus. Ix-xhud qalet li Keoney bdiet tipprova tissielet ma' persuna minnhom biex ma jieħux flus u garalha l-kaxxa tal-pasti. L-ieħor baqa' ħdejn il-bieb. Sakemm kienu qed jissieltu, kien hemm mara ħdejhom u weġġgħuha wkoll għax kellha d-demm ma' jdejha u bdew iżommulha jdejha sabiex jieqaf id-demm. Ix-xhud ma tafx kif din weġġgħet. Xħin il-persuni mgħammdin telqu, ix-xhud u l-kollega tagħha għalqu l-bieb u ċemplu lill-imgħallem jismu Renato. Huma stennew sakemm dan ġie u sadanittant hu ċempel lill-pulizija. Ix-xhud tiftakar li ħadu flus żgur minn ġol-cash iżda ma tafx kif ħaduhom għax rat biss lil Keoney tissielet.

**<u>WPS 210 Tania Mangion</u>** (Fol. 103) xehdet li fis-sittax (16) ta' April tal-elfejn u dsatax (2019) kienet xogħol ta' bil-lejl ġewwa l-għassa tal-pulizija ta' Bormla. Għal ħabta tad-disgħa neqsin għaxra ta' filgħaxija (20:50) daħlet telefonata li għal ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħaxija (20:30) kien hemm serqa ġewwa 'The Convenience Shop' ta' għajn Dwieli, Paola. Ix-xhud flimkien ma' PC 215, PC 213 u PC 505 marret fuq il-post immedjatament u bdiet tieħu l-verżjonijiet tal-vittmi kif ukoll tax-xhieda li kien hemm fuq il-post. Ix-xhud ġiet infurmata mill-Ispettur Oriana Spiteri u ħejjiet ir-rapport min-naħa tagħha. Xħin waslu fuq il-post innutaw li kien hemm diversi taqtir tad-demm qabel ma tidħol fil-ħanut

u kif daħlu raw li kien hemm diversi muniti tal-flus imferrxa mal-art u fuq il-bank fejn kien hemm il-cash register. Huma raw ukoll li l-monitor li huwa parti mill-cash register kien maqlub u mdendel mill-bank għal mal-art. Kien hemm ukoll xi tiċpis ta' dmija fuq l-istess bank fil-viċinanzi tal-cash register. Ix-xhud irrakkontat li barra mill-ħanut instab hoodie u tħalliet fixed point magħha ukoll, imbagħad inġabret mill-membri tal-forensika u ngħatat lil Dr Marisa Cassar sabiex ikunu jistgħu jsiru xi testijiet għad-DNA fuqu. Peress illi l-verżjonijiet li taw l-impjegati u min kien fil-ħanut dak il-ħin semmew hoodie ta' ċertu kulur huma għarfuh. Ix-xhud ma tiftakarx jekk il-hoodie kellux xi ħaġa partikolari li waslithom li dan seta' ntlibes minn wieħed mill-persuni li kkommettew is-serqa.

**<u>PC 215 Clint Zahra</u>** (Fol. 109) xehed li li fis-sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) għal ħabta tad-disgħa neqsin għaxra (20:50), daħlet telefonata mill-control room li kienet għada kif seħħet serqa għal ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħaxija kienet (20:30), ġewwa 'The Convenience Shop' ta' Għajn Dwieli, Raħal Ġdid. Ix-xhud flimkien mas-surġent u żewġ pulizija oħra marru fuq il-post. Ix-xhud spjega li fid-daħla tal-ħanut kien hemm id-demm mal-art, muniti u saħansitra l-monitor tal-cash register kien imdendel għal isfel mill-bank. Dak il-ħin is-surġent bdiet tieħu l-ewwel verżjonijiet tal-ħaddiema li kien hemm u x-xhud kien f'kuntatt mas-superjuri tiegħu minħabba l-filmati tas-CCTV li kien hemm fil-viċin. Huwa beda anke jkellem lil xi ġirien minħabba l-filmati.

Sakemm kien barra, ix-xhud niżel ftit 'l isfel lejn in-niżla quddiem sqaq, qabel taqbad it-triq ta' Palumbo u sab hoodie blu skura. Dan il-hoodie kellu t-toqob qishom forma tal-għajnejn. Ix-xhud qal li marru tal-foresika,

PS 586 u PC 976 fejn għamlu xogħolhom u ġiet elevata l-ġakketta. Ix-xhud qal li l-hoodie li nstab fin-niżla ta' Palumbo Shipyard kien madwar ħamsa u għoxrin (25) sa tletin (30) metru 'l bogħod mill-ħanut. Ix-xhud qalulu li ż-żewġ persuni li daħlu fil-ħanut marru lejn in-naħa ta' Palumbo li tiġi l-istess direzzjoni fejn instabet il-hoodie. Ix-xhud beda jara l-filmati dak il-ħin xħin l-impjegati urewh il-cameras. Ix-xhud kellem lil dawk li kienu fil-ħanut rigward il-kulur tal-hoodie u jekk kellhiex xi marka. Huma qalu li kellha t-toqob fejn għandha l-hood u din id-deskrizzjoni qablet mal-hoodie li kien sab ix-xhud. Ix-xhud ħa nota tar-residenzi li kien hemm bil-kameras tas-CCTV u mar fil-ħanut fejn is-surġent kienet qed tieħu l-verżjoni ta' Keoney. Keoney qalet li kienet qed taqdi mara, daħal xi ħadd b'hoodie skur bit-toqob fuq mal-marka tal-għajnejn, talabha l-flus u ħareġ mus. Keoney bdiet tirreżisti fejn anke ħabbtitlu rasu mal-bank u nnutat li kellu tattoo m'għonqu forma ta' nokklu. Il-persuna li kienet qed tinqeda intlaqtet bil-mus f'idejha.

<u>**PC 1404 Dale Cassar**</u> (Fol. 153) xehed li hu għamel timeline tal-każ fuq CDs. Din it-timeline tinkludi l-ġrajja mill-bidu sal-aħħar li ħariġha minn tlett CCTVs ta' tlett postijiet differenti. Hu ħareġ l-istills minnhom u niżżel x'jidher fl-istills. Is-CDs jinkludu wkoll filmati tas-CCTV li ftit minnhom niżżilhom (iddownloadjahom) hu u oħrajn ma jiftakarx min kien niżżilhom. Ix-xhud qal li ġabar kameras mill Convenience shop, mill-istazzjon tal-pompa tal-petrol, kif ukoll minn Palumbo Shipyards fejn tnejn minnhom qegħdin fi Triq Għajn Dwieli, Paola, kif ukoll il-Palumbo Shipyard qiegħda fi trejqa li tagħi minn Palumbo Shipyards minn Triq Għajn Dwieli stess. Ix-xhud spjega illi fuq it-timeline hemm indikati l-ħinijiet bid-differenza.

Hu kompla jispjega li fit-timeline l-ewwel li ma tidher hija karozza Fiat Punto ta' lewn blu li kienet ġejja minn Triq Tlett Ibliet li qasmet il-mina u baqgħet sejra għal Triq Għajn Dwieli. F'ħin minnhom din qisha naqqset naqra mill-veloċità tagħha u daħlet fi Triq Platter. Wara xi minuti, terġa tidher l-istess karozza nieżla minn Triq Għajn Dwieli, tnaqqas naqra mill-veloċità u timxi bil-mod minn quddiem il-Convenience ship u tidħol fit-trejqa ż-żgħira li hemm li tagħti għal Palumbo Malta Shipyard. Minn din il-karozza ħarġu żewġ individwi, qasmu t-triq għan-naħa l-oħra tal-bankina u bdew telgħin dritt 'l fuq it-telgħa ta' Għajn Dwieli. Kif dawn waslu fil-kantuniera li tagħti eżatt quddiem il-pompa tal-petrol qasmu t-triq u bdew neżlin bil-mod 'l isfel in-naħa tax-xellug tat-triq int u sejjer lejn Bormla. Hemm waslu quddiem il-Convenience Shop u wieħed minnhom baqa' jistenna mal-entratura tal-bieb u l-ieħor daħal quddiem il-bank fejn kien hemm il-vittma.

Mill-kameras tal-ħanut jidher illi kemm il-persuna li daħlet u anke dik li baqgħet barra tistenna kienu lebsin il-hoodies u ngwanti f'idejhom. Il-persuna li daħlet ġewwa ħarġet sikkina u bdiet ixxejjirha lejn il-kaxxiera, kif ukoll laqtet persuna li kienet qegħda tixtri u kellha d-demm. Il-kaxxiera rrnexxielha taqbad lill-aggressur li daħal ixejjer is-sikkina li mill-investigazzjonijiet irriżulta li kien Shamison Stafrace. Ix-xhud għaraf lill-imputat preżenti fl-awla. Ix-xhud qal li l-kaxxiera ħatfet lill-imputat mill-hoodie u kaxkritu naqra żgħira fuq il-bank u kixfitlu naqra żgħira tal-parti ta' wiċċu fil-ġenb, fejn deher li kellu xi tip ta' misluta fuq widnejh. Il-kompliċi ta' miegħu kif ra hekk qabad kaxxa tal-ħadid li jżommu fiha l-pakketti tal-krisps u waddabha fid-direzzjoni tal-kaxxiera, u din inħasdet

u nġibdet lura. L-aggressur qabad il-kexxun tal-cash li hu parti mill-cash register, ħarġu b'kollox u telqu jiġru t-tnejn 'l barra.

Xħin dawn ħarġu barra baqgħu neżlin fuq ix-xellug u fl-istess ħin il-karozza li kienet waqfithom f'dik it-triq, kienet tiela bil-kontra tagħhom, baqgħet tiela 'l fuq u ma dehritx aktar fil-kamera. Iżda mbagħad dehret ukoll wara mill-kamera tal-pompa tal-petrol fejn din tieqaf fuq in-naħa ta' ġewwa tal-pompa u toħroġ persuna. Minn din il-kamera irnexxielhom jaraw in-numru tar-reġisterazzjoni tal-karozza Fiat Punto blu li hu KBJ 176. Mill-investigazzjoni irriżulta li dan li kien qed isuq il-karozza kien ċertu Simon Camilleri li tressaq separatament f'każ ieħor.

Ix-xhud jirrimarka li ż-żewġ individwi baqgħu neżlin 'l isfel lejn Għajn Dwieli fejn wieħed minnhom waqaf qisu f'nofsha fejn hemm trejqa żgħira oħra li x-xhud ma jiftakarx x'jisimha eżatt, fejn hemm il-bini u aktar 'l ġewwa hemm l-għelieqi fejn il-Pulizija tal-RIU stess sabu l-hoodie li kien liebes biha waqt is-serqa. Il-persuna l-oħra baqgħet tiġri 'l isfel. Dak li kien qed jistenna barra u għamel l-att li waddab dak l-oġġett, baqa nieżel 'l isfel lejn l-area tal-parkeġġ ta' Palumbo Malta Shipyard, dar fuq ix-xellug lejn l-area tal-parkeġġ u baqa' jiġri dritt sakemm ma baqax jidher aktar fil-kamera. Dak il-ħin, il-karozza baqgħet nieżla fl-istess direzzjoni għax kellhom jiltaqgħu hemm. Meta tal-karozza ma rahomx, baqa' nieżel 'l isfel sa fejn l-entratura tax-shipyard, dawret u reġgħet telgħet 'l fuq imbagħad baqgħet tiela lejn it-Triq Għajn Dwieli. Ix-xhud jirrimarka li t-timeline jispiċċa hemm.

**Dr Marisa Cassar** (Fol. 167) ippreżentat il-police work fejn l-ewwel kienet ħadet swab minn ġakketta hoodie. Hi xehdet li li kien ħareġ partial profile imħallat minnu u ħadet kampjuni orali ta' Shamison Stafrace u ta' Jeffrey Sultana u għamlet analiżi ta' komparazzjoni. L-analiżi ta' komparazzjoni ħareġ li l-probabilità li Shamison Stafrace u persuna oħra kkontribew għall-profile ġenetiku kien ta' 2.53 X 10 to the 3. Ix-xhud ikkonkludiet li hemm aktar ċans li l-profil ġenetiku ta' Shamison Stafrace jaqbel ma' dak li ġie elevat mill-hoodie milli ma' ta' persuna oħra.

**RPC Saviour Zerafa** (Fol. 173) xehed li l-imputat ma kellux armi irreġistrati fuq ismu.

**L-Ispettur Oriana Spiteri** (Fol. 176) xehdet illi fis-sittax (16) ta' April tal-elfejn u dsatax (2019), kienet qed tlaħħaq id-Distrett nru 4 u filgħaxija għal ħabta tad-disgħa (21:00), ġiet nfurmata li kien hemm serqa ġewwa l-ħanut tal-Convenience ta' Triq Għajn Dwieli, Raħal Ġdid. Ix-xhud qalet li kienet niżlet fil-post u rat li fejn il-bieb tal-ħanut kien hemm id-demm mal-art kif ukoll xi affarijiet maqlubin fosthom muniti. Is-Surġent WPS 210, kienet qaltilha li waqt din is-serqa kienet weġġgħet persuna femminili u ttieħdet il-klinika għall-osservazzjoni medika. Ix-xhud kienet ċemplet ukoll lill-Maġistrat tal-għassa u spjegatilha x'kien ġara u din qalet li m'hemmx lok li tinfetaħ inkjesta u għalhekk ħadmuha bħala police work. Meta x-xhud u l-kollegi tagħha kienu fuq il-post kienu nfurmawha li ftit aktar 'l isfel kien instab hoodie ta' lewn blu u kien qed jiġi ssuspettat li hu l-istess hoodie li kien intuża fis-serqa. Għalhekk ix-xhud poġġiet lil PC 213 fixed point magħha sakemm din ġiet elevata. X'ħin kienet fuq il-post, x-xhud rat ukoll il-filmati tas-sigurta li kien hemm fl-istabbiliment fejn dehru

deħlin żewġ irġiel. Wieħed minnhom kien liebes hoodie blu u kellu mus f'idejh u beda anke jissarra mal-kaxxiera. Fil-filmat deher ukoll li dak li kellu l-mus f'idu laqat lill-klijenta li kienet fuq in-naħħa tal-lemin tiegħu bil-mus. Aktar tard dawn dehru li ħarġu 'l barra mill-ħanut u niżlu 'l isfel lejn Palumbo Shipyard li hija l-istess direzzjoni li nstabet il-hoodie. Ix-xhud qalet li kienet tkellmet ma' Keoney Demicoli li dak il-ħin tas-serqa kienet hemm u qaltilha li l-persuna minnhom li kien liebes il-hoodie blu skur bil-Malti qalilha "Tini l-flus. Tini l-flus." Dan l-istess persuna kellu par ingwanti bojod u kellu tpinġija ma għonqu li kien fiha xi kliem forma ta' nokklu.

Ix-xhud qalet li jumejn wara kienet kelmet lil Lara Chetcuti li hija l-persuna li weġġgħet f'dan l-inċident u tatha l-verżjoni tagħha. Chetcuti ddeskriviet l-aggressur bħala rqiq, kellu l-leħja u li kellu bejn għoxrin u tletin sena. Hu kien liebes hoodie blu u jitkellem bil-Malti. Ix-xhud qalet li l-Ispettur Fabian Fleri u Lydon Zammit assistewha fil-każ u aktar tard avviċinawha u kkonfermawlha li ġabru xi filmati tas-sigurta minn ġo xi stabbilimenti u postijiet oħra. Huma qalu lix-xhud li kellhom suspett f'persuna li seta' kien parti minn din is-serqa u fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju tal-elfejn u dsatax (2019) kien inġieb mandat t'arrest fil-konfront ta' din il-persuna li kien Simon Camilleri, fejn kien ġie arrestat ġewwa r-residenza tiegħu f'Bormla. Ix-xhud irrakkontat li meta ġabu lil Camilleri d-Depot fil-Furjana wara li tawh id-drittijiet tiegħu, qalulu għal xiex iriduh u bdew isaqsuh fuq l-involviment tiegħu f'din is-serqa. Hu qal li ma kienx involut iżda wassal lil dawn il-persuni li kienu se jwettqu s-serqa. Camilleri qal li wieħed mill-persuni nvoluti kien Shamison Stafrace. Ix-xhud għarfet lil Shamison Stafrace fl-awla. Camilleri qal li

kien hemm individwu ieħor involut li jkun fl-inħawi ta' Bormla pero ma kienx jafx min hu.

Ix-xhud kienet għamlet talba għall-mandat ta' arrest fil-konfront ta' Stafrace fejn ġie milqugħ u dakinhar stess flimkien mal-kollegi tagħha, ix-xhud marret fil-każin tal-Labour ta' Raħal Ġdid u arrestat lil Stafrace. Hi kienet infurmatu bid-drittijiet tiegħu, l-imputat ġie mogħti kopja tal-mandat t'arrest u ħaduh id-depot tal-Furjana. Stafrace tkellem ma' Dr Amadeus Cachia u meta ġie mitkellem dwar l-involviment tiegħu f'din is-serqa, Stafrace ċaħad. Stafrace kien lest li jagħti kampjun tad-DNA u dakinhar stess marret Dr Marisa Cassar id-depot u ħaditlu vocal swab. Ix-xhud qalet li minn hemm huma tawh il-police bail u qalulu biex jerġa jirritorna lura d-depot fil-ħmistax ta' Lulju. Fl-istess waqt l-ispettur Fleri infurmaha li d-DNA li nstab fuq il-hoodie kien jikkorrispondi ma' dak ta' Stafrace. Għalhekk meta dan ġie għall-police bail infurmawh bir-riżultati u dan tkellem ma' Dr Amadeus Cachia. Ix-xhud qalet li ġiet meħudha l-audiovisual interrogation li preżenti għaliha kienu x-xhud u l-Ispettur Lydon Zammit flimkien mal-imputat fejn dan baqa' jiċħad l-involviment tiegħu. Dakinhar stess kienu ressquh b'arrest quddiem il-Maġistrat Gabriella Vella.

**<u>PS 586 Mario Azzopardi</u>** (Fol.194) xehed li fis-sittax (16) t' April elfejn u dsatax (2019) ġie nfurmat mill-Ispettur Oriana Spiteri għal ħabta tal-għaxra (10) ta' bil-lejl (22:00) b'serqa, fejn nofsiegħa wara, ix-xhud flimkien mal-kollega tiegħu marru fuq il-post. Fuq il-post kien hemm preżenti l-ispettur Oriana Spiteri, is-surġent Tania Mangion bin-numru WPS 210, il-kuntistabbli Clint Zahra bin-numru 215 u Renato Vidal

detentur tal-karta tal-identità nru 303079M. X'ħin marru fuq il-post huma raw xi tiċpis ta' lewn ħamrani mal-bank fejn ikun hemm il-kaxxiera. Peress li kellhom l-aċċess, huma raw il-filmati tas-sigurta u ġie nnutat li l-aggressur kellu l-ingwanti f'idu u għalhekk m'għamlux eżamijiet għall-marki tas-swaba fuq il bank. Pero huma ħadu kampjun minn fuq it-tiċpis ta' lewn ħamrani u peress li l-każ kien police work, kellhom ordni biex ma jgħadduhx lil Dr Marisa Cassar. Ix-xhud qal li aktar tard ġew infurmati li 'l isfel mill-ħanut kien instab hoodie mixħut mal-art u ġabruh biex jgħadduh għad-DNA. Huma għaddewh għad-DNA nhar it-tmintax (18) t'April elfejn u dsatax (2019) u tawh doc number 19AYHMC1. Dan ġie rritornat lura fit-tnejn (2) ta' Ġunju elfejn u dsatax (2019) mingħand Dr Marisa Cassar. Il-kollega tax-xhud PC 976 Thomas Zammit ħa ħsieb ir-ritratti u ġibed tlieta u għoxrin (23) ritratt u għamilhom dokumentati fl-istess faxxikolu 12AYH101 sa 19AYH123 li qiegħdin imdaħħlin fir-rapport.

**<u>Spettur Lydon Zammit</u>** (Fol.228) xehed li fis-sittax (16) t'April elfejn u dsatax (2019) għal ħabta tad-disgħa neqsin għaxra ta' filgħaxija (20:50), il-Pulizija kienet ġiet infurmata li kienet seħħet serqa fil-ħanut Convenience Shop ta' Għajn Dwieli, Triq Għajn Dwieli, f'Raħal Ġdid, fejn żewġ (2) persuni kienu daħlu fil-ħanut. Wieħed minn dawn il-persuni kien armat u kienu anke nsterqu xi flus mill-istess ħanut. Ix-xhud qal li kienu tkellmu mal-Ispettur Fabian Fleri u ma' ċertu Keoney Demicoli li taħdem fl-istess ħanut wara l-bank. Ix-xhud qal li Demicoli spjegat illi daħlu żewġ (2) persuni maskili ġewwa l-ħanut u wieħed minnhom mar fuqha u beda jitlobha l-flus. Hi qalet li f'ħin minnhom dan kellu xi tip ta' mus jew sikkina f'idu u saħansitra laqat lil waħda mill-klijenti Lara Chetcuti li

nzertat kienet hemm. Wara din ġiet iċċertifikara mit-tabib li soffriet minn ġrieħi ħfief minħabba s-sikkina. Demicoli spjegatilhom li ż-żewġ persuni kienu lebsin hoodie fejn ta' wieħed minnhom kien blu u kellu tattoo m'għonqu.

Waqt l-investigazzjoni li saret fuq il-post, kienu nfurmati illi fin-niżla li hemm mal-ħanut ftit metri 'l bogħod li tagħti għal Palumbo Shipyards, kien nstab hoodie blu u dan ġie miġbur mill-pulizija għal aktar investigazzjonijiet. Ix-xhud qal li nġabru numru ta' filmati mill-ħanut tal-Convenience stess, tal-pompa tal-petrol li hemm ftit 'l fuq mill-ħanut, u minn ta' Palumbo Shipyards. Minn dawn il-filmati rriżulta li l-persuni waslu fuq il-post permezz ta' Fiat Punto bin-numru tar-reġistrazzjoni KBJ 176, irreġistrata fuq Jolene Camilleri li rriżulta li kien qed isuqha Simon Camilleri. Dan ġie mressaq quddiem Qorti oħra. Ix-xhud qal li rriżulta wkoll li ż-żewġ persuni li daħlu fil-ħanut kienu ħarbu lejn id-direzzjoni ta' Palumbo Shipyards, fejn wieħed minnhom baqa' nieżel lejn il-parkeġġ ta' Palumbo Shipyards u l-ieħor ma deherx aktar fil-filmat peress li l-kamera taqta f'nofs it-triq.

Ix-xhud qal li fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju elfejn u dsatax (2019) ġie arrestat Simon Camilleri u ġie identifikat li kien qed juża l-vettura li waslet liż-żewġ persuni fuq il-post u li qagħdet iddur fiż-żona t'hemmhekk. F'ħin minnhom deher Camilleri ħiereġ mill-karozza fil-pompa tal-petrol u li taparsi kien qed jagħti l-petrol lill-karozza waqt li kienet qed issir is-serqa. Ix-xhud flimkien mal-Ispettur Fleri tkellem ma' Camilleri fejn qabel kif ukoll waqt l-istqarrija li ta, qal li ma kellux x'jaqsam ma' din is-serqa. Huwa kien wassal liż-żewġ persuni fuq il-post.

Hu qal li ż-żewġ persuni kienu Shamison Stafrace u għalkemm il-persuna l-oħra ma kienx jafha, kien jaf li tkun fl-inħawi ta' Bormla. Għalhekk dakinhar stess, Camilleri ittieħed Bormla fejn għaraf lill-persuna l-oħra li kien Jeffrey Sultana. Dan tal-aħħar ġie arrestat u dakinhar ukoll ġie arrestat Shamison Stafrace wara li fil-konfront tiegħu kien inħareġ mandat ta' arrest.

Wara li Stafrace ġie arrestat, hu ħa parir mingħand l-avukat tiegħu Dr Amadeus Cachia qabel ma ġie mitkellem mix-xhud. L-imputat aċċetta li jitteħidlu vocal swab minn Dr Marisa Cassar sabiex tiġi mqabbla d-DNA li nstabet mal-hoodie. Ix-xhud qal li DNA ta' Stafrace qablet perfettament ma' dik li nstabet mal-hoodie li ttella' mill-post.

Fil-ħmistax ta' Lulju elfejn u dsatax (2019) l-imputat ġie infurmat bir-riżultat tad-DNA. Huwa reġa ingħata d-drittijiet tiegħu u itteħditlu stqarrija fejn qal li ma kellux x'jaqsam mas-serqa li seħħet fis-sittax (16) t'April elfejn u dsatax (2019). Sussegwentement fil-ħmistax (15) ta' Lulju elfejn u dsatax (2019), Stafrace ġie mressaq quddiem il-Maġistrat Gabriella Vella rigward fin is-serqa. Ix-xhud għaraf lil Stafrace fl-awla.

**<u>Gilbert Mercieca</u>** (Fol. 235) xehed illi kien inkarigat mill-Qorti biex jagħmel eżami biex jqabbel id-DNA tal-kampjun orali li ttieħed lil Stafrace u d-data li nħarġet minn Dr Marisa Cassar fir-rapport nru FOR 1389B. Ix-xhud ikkonkluda li l-kampjun li ittieħed minn fuq il-hoodie aktar kien jaqbel ma' dak ta' Shamison Stafrace milli ta' persuna oħra.

**Vanessa Camilleri** (Fol.242) xehdet li l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KBJ 176 tal-għamla Fiat Punto bil-kulur blu hija irreġistrata fuq isem Jolene Camilleri, detentriċi tal-karta tal-identità 543786M. Din ilha rreġistrata f'isimha mill-wieħed u tletin (31) t' Awwissu elfejn u tmintax (2018).

**Jonathan Mizzi** (Fol. 248) xehed li fis-sbatax (17) ta' Ġunju ġie nominat sabiex janalizża l-filmati tas-sigurta immarkati bħala FF2 u sabiex joħroġ l-istills minn dawn l-istess filmati. Ix-xhud ippreżenta r-rapport u rritorna d-DVDs li minnhom ittieħdu l-filmati.

**PC 213 Gary Magri** (Fol. 288) xehed li fis-sittax (16) t'April elfejn u dsatax (2019) għal ħabta tad-disgħa neqsin għaxra ta' filgħaxija (20:50), il-Pulizija ġew infurmati mill-control room li kienet seħħet serqa għal ħabta tat-tmienja u nofst ta' filgħaxija (20:30) mill-ħanut Convenience Shop ta' Għajn Dwieli, Triq Għajn Dwieli, Paola. Ix-xhud flimkien mal-kollegi tiegħu marru minnufih fuq il-post u sabu diversi taqtir ta' demm, diversi muniti mal-art u fuq il-bank. Is-surġent bdiet tieħu il-verżjonijiet ta' xi persuni li kienu fuq il-post u fl-istess waqt qalulhom li nstab hoodie blu fin-niżla tal-ħanut u x-xhud qagħad fixed point miegħu sakemm ġew tas-SOCO. Dan il-hoodie nstab minn PC 976 u PS 586 tas-SOCO.

**Il-Probation Officer Matthew Fleri Soler** (Fol. 304) xehed li ilu jaf lill-imputat mill-elfejn u sittax (2016) meta kellu dsatax -il (19) sena. Ix-xhud kien jagħmel sorveljanza fuqu peress li kien ingħata ordni ta' probation ta' sena u nofs fuq każ ta' serq u minn dakinhar għajr għal xi perjodu żgħir fl-elfejn u dsatax (2019) kompla jsegwih u jagħmel superviżjoni fuqu. Ix-

xhud qal li fl-elfejn u sittax ġew identifikati bosta aspetti li kienu jirrekjedu attenzjoni partikolari. Dawn huma l-aspett tal-abbuż mid-droga, l-impatt ta' trobbija infeliċi, nuqqas ta' stabbilità f'ħajtu in ġenerali, nuqqas ta' rispett lejn l-awtorità, nuqqas ta' motivazzjoni sabiex isib impjieg, u l-kumpanija ħażina. Peress li kien hemm diversi aspetti li kien jeħtieġlu jaħdem fuqhom, ix-xhud kien ħareġ bi pjan ta' kura li kien jinvolvi kuntatt mas-Sedqa u l-Embark for Life, pero kien hemm nuqqas ta' kuntatt min-naħa tal-imputat kemm mal-probabtion officer kif ukoll ma' dawn l-aġenziji. Fl-elfejn u sbatax (2017), ix-xhud min-naħa tiegħu kien għamel denunzja fil-konfront tal-imputat għaliex minn barra dan in-nuqqas ta' kuntatt, l-imputat kien ikkunsidrat bħala riskju għalih u għal ħaddieħor.

Minkejja dan f'Mejju tal-elfejn u tmintax (2018), il-Qorti reġgħet tatu opportunità sabiex jaqbad it-triq it-tajba u estendietlu l-ordni ta' probation b'sena u nofs. F'Awwissu tal-istess sena elfejn u tmintax (2018), ix-xhud kien għamel denunzja oħra fil-konfront tal-imputat minħabba l-istess raġunijiet li kien semma qabel. Għalhekk l-Qorti f'Settembru tal-elfejn u tmintax (2018) ddeċidiet li timponi piena karċerarja effettiva fil-konfront tiegħu ta' sittax -il (16) xahar. L-imputat appella minn din is-sentenza. Ix-xhud baqa jibgħat għalih pero ma kienx hemm rispons min-naħa tal-imputat. Ix-xhud qal li ġie stabbilit kuntatt f'April tal-elfejn u dsatax (2019) meta l-Qorti ordnat li jsir pre-sentencing report fil-konfront tiegħu. Dak iż-żmien l-imputat kien jinsab ukoll taħt arrest peress li kien infetaħ każ ieħor. Ix-xhud qal li t-turning point tal-imputat kienet fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Awwissu elfejn u dsatax (2019) fejn huwa daħal isegwi l-programm ta' Santa Marija offrut mis-Sedqa. Hu kien wasal sat-

tielet fażi tal-programm u kien għamel madwar tmien (8) xhur fejn ma baqax jabbuża mid-droga u deher li kien żviluppa ċertu stabbilità u struttura f'ħajtu. L-imputat ma gradwax minn dan il-kors għax il-programm m'għamlux kollu. Dan minħabba li kienet daħlet il-pandemija u r-residenti kienu ngħataw l-opportunità li jew jibqgħu fil-programm jew joħorġu u jkunu mal-familjari tagħhom u jagħtu prova li jkunu baqgħu nodfa meta eventwalment jerġgħu jiġu re-integrati. L-imputat għażel li joħroġ pero ma' żammx kuntatt mal-Outreach tas-Sedqa u dam sa Novembru elfejn u għoxrin sakemm reġa sar kuntatt.

F'Ġunju u Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) kien hemm perjodu ta' instabilità ta' xahrejn meta l-imputat kien qiegħed f'relazzjoni ma' partner tiegħu. Din ir-relazzjoni ma kinitx ta' benefiċċju għalih u l-kwistjoni tad-droga kokaina reġgħet tfaċċat. Hu kien għamel perjodu l-ħabs biex iħallas multa. Minn Settembru elfejn u għoxrin (2020) sa Mejju elfejn wieħed u għoxrin (2021), l-andament tiegħu reġa' qaleb għall-aħjar fejn kien hemm seba' (7) urine tests konsekuttivi li rriżultaw nodfa u żamm kuntatt ukoll mal-uffiċjal tal-probation. Iżda għal darb' oħra f'Ġunju tal-elfejn wieħed u għoxrin (2021), il-kuntatt reġa' nqata ħesrem għaliex qal u insista li kellu kwistjonijiet marbutin max-xogħol. Infatti huwa kien waqaf jaħdem u kien qed ifittex xogħol ieħor. Ix-xhud qal li mir-rekords tal-jobsplus kien ikkonferma li għamel perjodu minn Novembru tal-elfejn u għoxrin (2020) sa Ġunju elfejn u wieħed u għoxrin (2021) jaħdem b'mod regolarizzat.

Minn Lulju tal-elfejn wieħed u għoxrin (2021) huwa kien jinsab taħt arrest ġewwa l-Faċilità korrettiva ta' Kordin u x-xhud bagħat għal xi rekords il-

ħabs dwar l-imġieba tiegħu. Irriżulta li kien hemm xi rapporti ta' mġieba ħażina da parti tal-imputat. It-test tal-awrina xħin daħal kien wieħed pożittiv għall-kannabis. Pero r-rekords tal-edukazzjoni kienu pożittivi għaliex l-imputat kien segwa kors relatat mal-isports kemm dam taħt arrest il-ħabs. Ix-xhud irrimarka li tkellem ukoll mal-care plan coordinator tal-imputat u milli jidher dan ma jaħsibx li l-imputat għad għandu x'jaħdem fejn jidħol il-vizzju tad-droga. Pero kemm ix-xhud u kemm il-koordinatur jaħsbu li jkun għaqli li jekk huwa jinħeles mill-arrest, jerġa' jitfassal pjan ieħor ta' kura li jkun jinvolvi kuntatt mas-Sedqa biex il-progress li kien għamel l-imputat meta kien il-programm jiġi għall-inqas xi ftit jew wisq ikkonsolidat. Ix-xhud qal li peress li issa l-imputat jinsab arrestat il-ħabs il-komunikazzjoni bejnithom issir permezz ta' Skype jew telefonati fejn jibbukja session u jsaqsih dak li għandu jsaqsih dwar l-andament tiegħu. Kuntatti wiċċ imb' wiċċ ma sarux. Ix-xhud qal li l-imputat mhux qed jieħu methadone. L-imputat qal lix-xhud li hu jixtieq jinbidel għall-ibnu li jgħożż ħafna ħalli jagħtih futur. Kull meta jagħmlu kuntatt dejjem isemmi lill-ibnu. Ix-xhud qal li l-ġimgħa l-oħra l-imputat għamel kuntatt miegħu u qallu li beda jaħdem kemm ilu l-ħabs pero records m'għandux għax ma laħqux waslu.

<u>**Paula Cassar**</u> (Fol. 229) xehdet li hija l-Care Plan Cordinator tal-imputat fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u kienet ilha ssegwi lill-imputat mit-tlieta (3) t'Awwissu elfejn wieħed u għoxrin (2021). Ix-xhud qalet li ma tafx bla amment kemm -il sessjoni kellhom. Jiltaqgħu skont il-bżonn. Fl-ewwel sessjoni dejjem isir assessment u imbagħad jkun hemm kuntatti skont il-bżonn. Ix-xhud qalet li l-imputat għandu psikologa li ukoll qed issegwih il-ħabs. Xi kultant l-imputat jikkuntattjahom hu u jgħidilhom li għandu

bżonn sessjoni. Ix-xhud qalet li flimkien mal-psikologa qed jaħdmu fuq ir-relazzjoni tal-imputat mal-familja tiegħu, mat-tfajla u mat-tifel. L-imputat kellu trobbija diffiċli peress li kien hemm problemi bejn il-ġenituri tiegħu u issa qed isib ftit diffikultajiet fir-relazzjoni mat-tfajla tiegħu. Hemm ukoll diffikultajiet minħabba t-tifel. Huma qed jindirizzaw ukoll il-motivazzjonijiet tiegħu biex jindirizza l-problema tad-droga, u jindirizzaw it-tendenza li jimminimizza l-problemi tiegħu. Ix-xhud qalet li rat kambjament fih għax il-motivazzjoni tiegħu biex jaħdem fuq il-problemi tiegħu qiegħda żżid bil-mod. L-imputat qed jaħdem ħafna xogħlijiet differenti bħal skaltar u żebgħa madwar il-ħabs u qed jattendi korsijiet edukattivi. Huwa lesta l-kors tal-isports u qed jattendi tal-Malti. Ix-xhud qalet li rriferietu għal JobsPlus ħalli la darba joħroġ mill-ħabs jkunu jistgħu jgħinuh isib xogħol. Bħala post fejn joqgħod għandu. Meta jkun qiegħed barra mbagħad ikompli jaħdem miegħu l-probation officer.

**<u>In kontro-eżami</u>** x-xhud qalet li kien l-imputat li l-ewwel għamel kuntatt magħha.

**<u>Helenio Galea </u>**(Fol.333) xehed illi huwa senior inspector fir-Records Office fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Ix-xhud qal li l-imputat qed jagħmel xogħol ta' tindif u manutenzjoni ġewwa l-ħabs. L-uffiċjali tad-diviżjoni m'għandhomx problemi bih u jagħmel dak li jitqabbad. Huwa jaħdem u jagħti mija fil-mija (100%) tiegħu fl-indafa u fil-manutenzjoni tal-ħabs. Ix-xhud qal li ma kienx hemm xi rapporti għal imġieba ħażina u ġab miegħu ir-rapporti tal-imġieba u r-rapporti tal-awrina. Iż-żewġ rapporti tal-awrina kienu ta' meta daħal. Fl-elfejn u għoxrin (2020) kien pożittiv għall-kokaina u fl-elfejn wieħed u għoxrin (2021) kien pożittiv

għall-kannabis. Rigward rapporti ta' mġieba kien hemm xi problemi żgħar fil-bidu fl-ewwel jumejn meta daħal u minn dak inhar 'l hawn ma reġax kien hemm aktar rapporti.

**<u>FATTI TAL-KAZ</u>**

Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:

Fis-sittax (16) t'April 2019 għal ħabta tat-tmienja u nofs (20:30) ta' filgħaxija seħħet serqa minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem 'The Convenience Shop' li jinstab fi Triq Għajn Dwieli, Paola, fejn nsteraq l-ammont ta' tlett mitt ewro (300) għad-dannu ta' Renato Vidal. Is-serqa saret minn żewġ persuni fejn persuna minnhom talbet il-flus lill-kaxxiera. Din il-persuna kienet liebsa hoodie blu biż-żipp abjad u b'wiċċha mgħotti. Matul is-serqa din l-istess persuna għamlet użu minn mus jew sikkina. B'dan il-mus ġew ikkawżati ġrieħi ħfief lil waħda klijenta li inzertat kienet qed tinqeda mill-ħanut dak il-ħin. Xħin lestew mis-serqa, iż-żewġ persuni telqu jiġru lejn in-naħa t'isfel fid-direzzjoni tal-Palumbo Shipyards. Dak li kien qed iġorr il-mus malli qabad n-niżla daħal fi trejqa li tagħti għall-għelieqi u l-ieħor daħal fit-triq li tagħti għall-gate ta' Palumbo Shipyards. Fin-niżla ta' Palumbo Shipyards instab hoodie blu li kien identiku bħal dak li kien liebes il-persuna li daħlet armata bil-mus fil-ħanut u serqet il-flus. Il-Pulizija għamlu l-investigazzjonijiet tagħhom u peress li fuq il-hoodie li instab kien hemm d-DNA tal-imputat odjern, arrestawh u resquh il-Qorti in konnessjoni ma' dan il-kaz.

Ikkunsidrat:

- **Kunsiderazzjonijiet Legali Applikabbli għall-Kaz**

Kif ġia irrimarkat din il-Qorti fi pronuncjamenti oħra, il-piz tal-prova jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni. Hija l-Prosekuzzjoni li trid iggib l-aħjar prova – precizament prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni – sabiex l-istess Prosekuzzjoni issostni u tirnexxi fil-kaz taghha. L-imputat m'huwa tenut jipprova xejn.

Ħafna drabi ma jkunx possibbli li jinġabu provi diretti tal-akkadut. In-nuqqas ta' tali provi pero m'għandux necessarjament iwassal għal-liberatorja tal-imputat. Il-Qorti xorta tista' tistrieh fuq provi li jkunu cirkustanzjali għall-sejbien ta' ħtija basta li l-istess provi cirkustanzjali jkunu jippuntaw lejn konkluzjoni waħda.

Lord Hewart C.J. fil-kaz **Taylor, Weaver and Donovan** jiddefinixxi l-prova cirkustanzjali bhala: *"evidence of surrounding circumstances which, by undesigned coincidence, is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*[1] Ħafna drabi l-provi cirkustanzjali jkunu l-aħjar prova li wieħed jista' jottjeni għaliex il-kriminal li jkun irid iwettaq delitt se jara biex kemm jista' jkun jevita li jkun hemm provi diretti u cari tal-aġir tiegħu. Għalhekk kif jgħid l-istess Lord Hewart fil-kaz sucitat *"It is no derogation of evidence to say that it is circumstantial."*

[1] 21, Cr. App.R.20, CCA at 21

Huwa *sina qua non* (u dan tenut kont wkoll tan-natura ta' tali prova) li tali prova cirkustanzjali trid tiġi ezaminata u miflija bir-reqqa biex wieħed ikun jista' jistrieħ fuqha għal sejbien ta' ħtija. Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deciza fil-5 ta' Lulju 2002:

> *"Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda . . . . biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit tal-univocita taghha, cioe li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu, w, allura kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi."*

Huwa ghalhekk li Lord Normand fil-kaz **Teper v. R** jikkummenta b'rabta mal-prova cirkustanzjali li: *"It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another . . . . It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*[2]

[2] [1952] A.C. 480, PC at 489

Dak li għalhekk trid tistabilixxi din il-Qorti huwa jekk il-persuna li deher jagħmel il-hold-up u li kellu l-mus f'idu waqt is-serqa kienx verament l-imputat Shamison Stafrace. Għalkemm ġew esebiti filmati li juru s-serqa iseħħ u jindikaw li l-persuna li marret biex tieħu l-flus kellha mus f'idha u anke ikkaġunat ferita fuq il-persuna ta' mara li inzertat qed tixtri, din il-persuna li daħlet tisraq kellha wiccha mgħammad. Għalhekk hija ma setgħetx tiġi identifikata mill-filmat. Konsegwentement din il-Qorti trid tistabilixxi jekk il-provi cirkustanzjali li resqu l-Pulizija kinux tali li jippuntaw lejn il-konkluzjoni unika li Shamison Stafrace kien il-persuna li effettivament seraq il-flus, għamel uzu minn mus waqt is-serqa u fera lill-klijenta li inzertat fil-ħanut.

Ezaminati l-fatti u l-provi kollha prodotti, din il-Qorti hija konvinta li l-persuna li tidher fil-filmat u li qed twettaq is-serqa bil-mus f'idejha kien verament l-imputat. Il-Qorti waslet għal din il-konkluzjoni abbazi tas-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(a) Ftit 'l bogħod mill-post fejn seħħet is-serqa, instabet hoodie ta' lewn blu li kienet identika għal dik li kienet liebes il-malvivent li kellu l-mus f'idu. Kellha zip abjad li kien jispikka. Il-ħaddiema li kienu fil-ħanut identifikawha bħala identika għal dik li kien liebes il-ħalliel li kellu l-mus f'idejh fil-ħin li kienet qed iseħħ is-serqa;

(b) Il-hoodie instabet fid-direzzjoni ta' fejn ġera l-malvivent li kellu l-mus. Instabet fil-post qabel mal-malvivent kiser għall-trejqa ġol għelieqi. Id-direzzjoni ta' fejn ġera dan il-malvivent ġiet konfermata mill-footage meħud minn diversi cameras tas-sigurta li

kienu jinsabu fl-akkwati. Infatti l-Prosekuzzjoni għamlet eżercizzju tajjeb ħafna fejn hija għaqdet l-informazzjoni kollha riżultanti minn dawn il-cameras f'time-line wieħed li jagħti stampa cara ta' kif svolġew l-affarijiet qabel, waqt u wara s-serqa armata B'hekk seta' jiġi stabbilit wkoll il-perkors li ħadu l-ħallelin wara li ħarbu mill-ħanut;

(c) Minn testijiet tad-DNA li saru fuq l-istess hoodie, ġie riskontrat d-DNA tal-imputat odjern. Dan il-fatt ġie stabbilit kemm mill-espert ex parte tal-Pulizija kif wkoll mill-espert Gilbert Mercieca nominat minn din il-Qorti;

Huwa minnu li l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni kienu prattikament kollha provi cirkustanzjali pero tali provi huma tali li ma jistgħu jwasslu għall-ebda konklużjoni oħra ħlief li l-imputat kien il-persuna li għamel is-serqa u li kellu l-mus f'idejh waqt l-istess serqa.

- **<u>L-Artikolu Indikati fin-Nota ta' Rinviju ta' Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali</u>**

**A. <u>Ir-Reat tas-Serq (Artikoli 261(a)(b)(c)(f); 262(1)(a)(b)(2); 263(b); 267; 270)</u>**

Mill-provi prodotti r-reat tas-serq li sar kien wieħed aggravat:

- **<u>Bil-vjolenza</u>** peress li l-imputat issekwestra tal-anqas waħda mill-ħaddiema li kienu jinsabu fil-ħanut u ippreżenta ruħu armat b'mus;
- **<u>Bil-mezz</u>** peress li l-imputat ippreżenta ruħu b'wiccu mgħammad;

- **<u>Bil-valur</u>** peress li l-ammont misruq irriżulta li kien tlett mitt ewro (€ 300) u għalhekk aktar mill-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin centeżmu (€ 232.94);
- **<u>Bil-ħin</u>** peress li dan fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija (20.30hrs) u għalhekk wara nżul ix-xemx;

**B. <u>Is-Sekwestru tal-Persuna ta' Keoney Demicoli (Artikolu 86 u 87(e))</u>**

L-artikolu 86 jattribwixxi sanzjonijiet penali lil min minn barra l-kazijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna. Il-Professur Sir Anthony Mamo fin-noti tiegħu jagħmel riferenza għall-awtur Roberti li jgħid: *"Il reato preveduto nell'articolo 169"* *(illum l-artikolu 86)* *"esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro."*

Francesco Antolisei jkompli jgħid: *"E` necessario, peraltro, che la perdita della liberta` si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."* Mamo jagħmel referenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni: *"In questo senso Cass. 16 giugno 1950, in Giust. pen. 1951, II, 73, 78. Contra Cass. 14 febbraio 1958, in Giust. pen. 1958, II, 1098, secondo cui sarebbe irrilevante la durata della limitazione alla liberta` del soggetto passivo. Con la sentenza 14 gennaio 1961, in Mass. pen. 1961, m. 388, la Corte di Cassazione ha precisato che la privazione della liberta` di movimento del soggetto passivo deve perdurare*

*"per un apprezzabile lasso di tempo, anche brevissimo", cosi che non sarebbe rilevante solo se "momentanea e fugace".*[3]

Il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li kienet osservat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Keith Camilleri** (Appell Numru 178/2010) fejn qieset li ż-żamma ta' persuna sakemm saret serqa li damet mhux aktar minn minuta ma kinitx żamma fugaċi u li għalhekk setgħet tinstab ħtija taħt l-artikolu 86. Infatti l-Qorti kienet qalet hekk: *"L-ewwel Qorti dehrilha li l-mument li fih seħħet is-serqa in kwistjoni kien fugaċi. L-appellant Avukat Ġenerali jsostni l-kuntrarju. Wara li din il-Qorti eżaminat l-atti, ikollha tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Ġenerali. Joan Zarb Adami xehdet li l-inċident ġara "f'sekondi. Ma naħsibx li kienet skorriet minuta." Fil-fatt ma jista' jkun hemm ebda dubju li l-inċident ħa aktar min sekonda, tnejn, sakemm l-appellat fetaħ il-bieba tax-xufier tat-truck u sprejjalu l-pepper spray ġo wiċċu, u sadattant persuna oħra kisser ħġieġa tal-bieba l-oħra u seraq il-pouch bil-flus li kellu x-xufier fuq is-seat tal-passiġġier. Għalhekk, għalkemm wieħed jista' jitkellem dwar "tempo brevissimo", dan kien iktar minn mument "fugaċi". Għalhekk l-ewwel Qorti kellha ssib ħtija anke dwar din l-imputazzjoni."*

Eżaminati c-cirkostanzi tal-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, ma jistax jiġi kunsidrat li din iż-żamma ta' Keoney Demicoli kienet waħda fugaci u li allura teskludi dan ir-reat. Mill-filmati tas-serqa li ġew esebiti huwa car li l-imputat ipponta l-mus lejn Demicoli, b'mod li din ma setgħet tmur imkien u beda jinsisti magħha biex tagħtih il-flus. Demicoli għamlet resistenza. Li kieku mal-ewwel resistenza l-imputat ħarab minn fuq il-post, wieħed forsi seta' jargumenta li r-reat ta' sekwestru ma kienx

[3] *Roberti, Corso Completo, para. 323 kif citat f'Notes on Criminal Law, Vol. II, Prof. Sir Anthony Mamo p. 35.*

jirriżulta imma fil-kaz odjern l-imputat kompla jissarra ma' Demicoli sakemm rnexxielu jieħu l-kexxun bil-flus. Is-serqa żgur li damet aktar minn dik deskritta fil-każ ta' Keith Camilleri ikkwotat 'l fuq u għalhekk aktar u aktar għandha tinstab ħtija taħt l-artikolu 86. Ir-reat wkoll huwa aggravat bil-fatt li s-sekwestru sar għall-iskop ta' serq.

### C. <u>Feriti ta' Natura Ħafifa (Artikolu 221(1))</u>

Ġie ippruvat wkoll li waqt is-serqa l-imputat kellu mus f'idejh u bl-istess mus ġew kaġunati feriti fuq il-persuna ta' Lara Chetcuti. Infatti Chetcuti soffriet qatgħa f'idejha li kienet anke tirrikjedi numru ta' punti. Dr Josie Muscat fic-certifikat rilaxxat minnu ikklassifika l-ferita bħala ta' natura ħafifa u li ma kinitx sejra tikkawża xi kumplikazzjonijiet.

Din il-Qorti tinnota li għalkemm mill-punto di vista mediku l-ferita tiġi ikklassifikata bħala ħafifa, dan mhux necessarjament ikun ifisser li mil-lat legali tali ferita għandha wkoll tiġi klassifikata bħala ħafifa. Ferita li ġġib sfreġju għal ftit zmien fil-wicc, fl-għonqu jew fl-idejn għalkemm tista' tiġi ikklassifikata bħala ħafifa xorta mil-lat legali tista' tiġi ikklassifikata bħala gravi. Din il-Qorti hija prekluża milli tidħol f'dan il-punt u teżamina jekk tali ferita tistax' tigi ikklassifikata bħala gravi fit-termini tal-artikolu 216(1)(b) stante li tali artikolu ma ġiex indikat fin-nota ta' rinviju ta' ġudizzju. Din il-Qorti għalhekk tista' biss issib ħtija fl-imputat li ikkaġuna ta' ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Lara Chetcuti u dan fid-dawl ta' dak li xehed Dr Josie Muscat u ta' dak li jirrizulta mic-certifikat mediku rilaxxat mill-istess Dr Muscat.

**D. Ġarr ta' Sikkina Mingħajr Liċenzja tal-Pulizija (Artikolu 6 u 51(7) tal-Kap. 480)**

Il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova wkoll ir-reat taħt l-artikolu 6 tal-Kap. 480. L-imputat ġarr u kellu fil-pussess tiegħu barra minn fond jew id-dintorni tiegħu sikkina jew strument li jaqta' u bil-ponta. Dan mingħajr ma kellu d-debita licenzja min-naħa tal-Kummissarju tal-Pulizija kif sewwasew irriżulta mix-xhieda ta' RPC Saviour Zerafa.

**E. Ksur tal-Provvedimenti ta' Sentenza Sospiża**

Mill-atti jirriżulta li fis-sebgħa (7) ta' Marzu 2018 l-imputat Shamison Stafrace kien instab ħati ta' diversi imputazzjonijiet u kien ingħata sentenza ta' sena priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A kienet ġiet sospiża għal sentejn. Infatti ġiet esebita vera kopja tas-sentenza mogħtija u l-konnotati tal-imputat fuq l-istess sentenza huma identici għal dawk indikati fil-proceduri odjerni. Madanakollu dak li naqset li tagħmel il-Prosekuzzjoni huwa li iġġib prova li effettivament tali sentenza (peress li kienet sentenza tal-Ewwel Qorti) għaddiet in ġudikat jew billi ma sarx appell minnha jew inkella billi jekk sar appell minnha tiġi preżentata s-sentenza tal-Qorti tal-Appell li tikkonferma l-ewwel sentenza. Il-fatt li ma saritx il-prova li tali sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel, din il-Qorti għalhekk ma tistax tasal sabiex b'serenita tikkonkludi li kien hemm il-ksur tal-provvediment ta' din is-sentenza sospiża u tordna li tali sentenza sospiza tidħol fis-seħħ. Għalhekk l-imputat sejjer jiġi liberat mill-ħames (5) imputazzjoni.

## F. <u>Ir-Ricediva</u>

Fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Paul Abela* mill-Imħallef David Scicluna li ġiet deċiża fl-għaxra (10) ta' Diċembru 2004, il-Qorti qalet:

*"Bħal ma dejjem ġie ritenut, l-aħjar prova sabiex tiġi ppruvata xi akkuża ta' reċidivita` hi li tiġi esebita kopja uffiċjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita.` L-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni mogħtija mill-akkużat li tipproduċi prova ta' l-identita`. Jekk ma tiġix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja uffiċjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuża, allura wieħed ma jistax jgħid li saret l-aħjar prova dwar jekk verament preċedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat ieħor li tiegħu ġie misjub ħati.*

*Għalkemm il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi preċedenti kif ukoll billi jiġi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti – permezz ta' xhieda jew minn eżami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jagħtu l-konnotati meħtieġa tal-persuna kkundannata) jew minn eżami tal-atti tal-kawża ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi preċedenti – li dawk is-sentenzi jirreferu għall-persuna li tkun qed tigi akkużata bir-reċidiva."*

Is-sentenza tas-sebgħa (7) ta' Marzu 2018 ma tistax tittieħed in kunsiderazzjoni għall-fini tal-addebitu tar-ricediva stante li l-Prosekuzzjoni naqset li iġġib il-prova li tali sentenza għaddiet in ġudikat. Madanakollu jiġi innutat li l-Prosekuzzjoni esebiet wkoll vera kopja ta' sentenza datata għoxrin (20) ta' Lulju 2016 fejn l-imputat odjern kien instab ħati li ikkometta r-reat ta' serq **u dan fuq ammissjoni tiegħu stess.**[4] Il-konnotati tal-imputat odjern jaqblu mal-konnotati indikati f'dik l-istess sentenza. Il-prova dwar jekk tali sentenza għaddietx in ġudikat jew le ma kinitx necessarja fic-cirkostanzi stante li s-sentenza ingħatat fuq ammissjoni tal-istess imputat u għalhekk bħala fatt l-imputat stess kien qiegħed jammetti li wettaq ir-reat mertu tas-sentenza tal-għoxrin (20) ta' Lulju 2016. Għall-fini tar-ricediva għalhekk din tammonta għall-prova sufficjenti u din il-Qorti għalhekk sejra titratta mal-imputat bħala tali.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

**Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-piena li għandha tiġi inflitta lill-imputat Shamison Stafrace. Mhux kontestat li l-imputat għandu problema tad-droga u għadda minn ħafna f'ħajtu. Din mhux l-ewwel darba li xilef idejh mal-ġustizzja u għalhekk ma jistax jitqies li huwa *a first time offender*. Il-fedina penali esebita hija konferma ta' dan. L-imputat ingħata diversi opportunitajiet biex jibdel ħajtu, inkluż wkoll opportunita waqt il-preżentata tiegħu u anke tul dan il-każ sabiex jibdel ħajtu u jieħu l-għajnuna li kien hemm bżonn. Madanakollu m'għamilx l-almu tiegħu kollu biex huwa jaffaccja l-problemi tiegħu bis-serjeta u jibdel triqtu. Biss biss jingħad li waqt dawn il-proceduri**

[4] Fol. 147 tal-process.

**l-istess imputat tilef wkoll il-beneficcju tal-ħelsien mill-arrest propju għaliex ma segwix l-ordnijiet tal-Qorti.**

**Wieħed jifhem li mhux facli biex wieħed jitlaq mic-cirku tad-droga. Fortunatament f'pajjiżna hawn entitajiet bħas-Sedqa, il-Caritas u l-OASI li jiddedikaw l-enerġija kollha tagħhom biex jgħinu lill-persuni biex joħorġu minn tali cirku. Pero huwa l-individwu li jrid jagħmel sforz u jgħin lilu inniffsu biex joħroġ mill-problema. Din il-Qorti mhix konvinta li l-imputat qed jieħu r-riforma tiegħu bis-serjeta: beda program ta' rijabilitazzjoni u ma kompliehx kollu. In oltre għamel zmien ma jkellimx lill-probation officer assenjat lilu tant li l-istess probation officer kellu anke jipprezenta denunzji. Il-problema tad-droga ma tistax tintuża bħala xi forma ta' skużanti biex wieħed jeħles mill-ħabs effettiv għar-reati serji li huwa jkun wettaq.**

<u>**Veru li fil-każ odjern l-ammont misruq ma kienx ammont kbir. Dan pero ma jagħmilx il-każ anqas serju. L-imputat daħal f'ħanut armat, werwer lill-ħaddiema li kien hemm u anke weġġa' klijenta li inzertat qed tixtri mill-ħanut dak il-ħin għall-affari tagħha. Din il-Qorti temmen li kull persuna għandha d-dritt li tmur għax-xogħol u tmur tixtri minn ħanut b'serħan tal-moħħ u għalhekk din il-Qorti temmen li għandha wkoll obbligu li bis-sentenza tipproteġi wkoll lin-nies li jgħixu l-ħajja tagħhom b'normali. Huwa għal dawn ir-raġunijiet li fil-każ odjern sejra timponi piena karcerarja effettiva għax fl-aħħar mill-aħħar apparti li din il-Qorti trid tara li issir ġustizzja, hija għandha tara wkoll li tipproteġi lis-socjeta in ġenerali.**</u>

**DECIDE**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeciedi l-kawża billi:

(a) **mhux qiegħda issib** lill-imputat Shamison Stafrace ħati **tal-ħames (5) imputazzjoni** u għalhekk qiegħda tilliberah minnha;

(b) u wara li rat l-artikoli 7, 15A, 17, 31, 49, 50, 86, 87(e), 221(1), 221(2), 214, 261(a)(b)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 270, 274(c), 275, 277(b), 279, 280(2), 289, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda issib **lill-imputat ħati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u s-sitt (6) imputazzjoni** u qiegħda tikkundannah għall-piena karċerarja komplessiva ta' erba' snin priġunerija. Minn dan għandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 532A tal-Kap. 9 u b'applikazzjoni ta' dak li jistipula l-istess artikolu li jagħmel riferenza għall-artikolu 24 tal-Kap. 446 qegħda tikkundanna lill-imputat sabiex huwa jħallas lil Renato Vidal bħala s-sid tal-Convenience Shop l-ammont ta' tlett mitt ewro (€ 300) li huwa l-ammont li ġie misruq mill-istess ħanut.

Din l-ordni li qed tingħata għandha titqies bħal li kieku kienet ordni mogħtija minn Qorti Civili kompetenti u għalhekk għandha jkollha effett ta' titolu ezekuttiv u tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħal li kieku din ingħatat f'azzjoni ċivili bejn il-ħati u l-vittmi.

In oltre l-Qorti wara li rat wkoll l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qegħda tikkundanna lill-ħati sabiex huwa jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ammont komplessiv ta' seba' mija, sitta u sebghin Ewro u disgha u tletin centemzu (€776.39) rapprezentanti l-ispejjez tal-esperti inkorsi f'dawn il-proceduri.

**Dr Joseph Mifsud**

**Maġistrat**